# Il-kappella ta' San Pawl Milqi
# - Burmarrad -

Kitba ta' Joe Brincat

Id-drittijiet tal-propjetà intellettwali (copyright) huma kollha miżmumin mill-awtur/i oriġinali tal-kitba u mis-sit www.kappellimaltin.com. Ikteb lil webmaster@kappellimaltin.com għall-permess biex tuża dan il-materjal.

Waħda mill-knejjes mill-aktar antiki ta' Malta hija bla dubju l-knisja ta' San Pawl Milqi f'Burmarrad. Din tinsab fuq il-għolja li tħares fuq il-Wilga ta' Burmarrad, lejn il-port tas-Salini, u hija mibnija fuq fdalijiet ta' żmien ir-Rumani f'Malta.

**L-isem tal-kappella**

Illum din il-knisja kulħadd jafha bħala ta' "*San Pawl Milqi*". Iżda skont l-istudjuż u lingwist Frans Sammut, dan hu żbaljat u l-isem korrett għandu jkun "*San Pawl Mirqi*". Il-kelma "*mirqi*" tfisser "*wieħed li jfejjaq b'miraklu*" ("*bil-maġija*", mill-kelma Għarbija tal-Andalusia "*murqi*"). Hawn irridu niftakru li t-titular tal-kappella juri l-miraklu tal-lifgħa. L-isem "*milqi*" jissemma' l-ewwel darba fir-rapport tal-viżta pastorali tal-isqof Cagliares fl-1616. L-isem saħansitra daħal fil-kitba ta' Ġian Franġisk Abela fil-ktieb tiegħu "*Della Descrittione di Malta*" tal-1647 meta wara l-miġja tal-Kavallieri ta' San Ġwann, il-kult Pawlin f'Malta beda jikber sew u jinagħta importanza kbira minħabba raġunijiet ta' prestiġju. Fi żmien Mikiel Anton Vassalli diġà kien hemm indikazjoni li dan l-isem kien żbaljat meta fil-"*Lexicon*" tal-1796 uża l-frażi "*milqi pro mirqi*". Dan l-iżball u spjega ta' kif kien sar insibuħ ukoll f'kitba ta' Anthony Lutrell tal-1977 ("*Girolamo Manduca and Gian Francesco Abela: Tradition and invention in Maltese Historiography*"). Aktar riċenti, l-istudjużi John Azzopardi u Thomas Freller, fil-ktieb tagħhom "*Pauline Malta, The Formation of a Nation's Identity*" donnhom jaqblu mat-teżi ta' Frans Sammut.

Matul iż-żminijiet, dan il-lokal kellu ħafna ismijiet bħal Burmarrad, Buwarrad, Beniarrat, Benwerrat, Bindichi u San Pawl Milqi. Imma dam

ħafna jintuża wkoll l-isem ta’ *Ġebel Għawżara*. Benwarrat, skont xi wħud, tfisser "*iben il-werriet*" li skont dawn ma kien ħadd ħlief Publiju, il-gvernatur ta’ din il-gżira. Il-“*werriet*” tiġi nterpretata bħala “*werriet tal-fidi*” li ġab San Pawl għax Publiju tradizzjonalment hu meqjum bħala l-ewwel isqof ta’ Malta.

Dan iġibna għall-mistoqsija loġika daqs kemm hi leġittima: kif ser insejħu lil din il-kappella fuq dan is-sit? Sakemm l-isem ma jinbidilx uffiċjalment, u sakemm għaqdiet uffiċjali bħal *Heritage Malta* ma jibdlux u jaġġornaw l-isem, ser nibqgħu insejħulha bħala “*ta’ San Pawl Milqi*”, kif jafha kulħadd sal-lum. Iżda qed inġibu għall-attenzjoni ta’ kulħadd din l-anomalija biex wieħed ikun jaf biha wkoll.

**Oriġini**

Skont tradizzjoni antika ħafna, kien propju f’dan il-lokal, fuq il-għolja ta’ *Ġebel Għawżara*, li San Publiju laqa’ lil San Pawl u sħabu, wara li ħelsu mill-għarqa, u kien hawnhekk li l-Appostlu fejjaq lill-missier dan Publius, Alvinus. L-Insara Maltin kienu ilhom żmien kbir li jemmnu f’dan, u għożżewh bħala post qaddis. Tant hu hekk fi żmien antik ħafna bnew knisja biex jikkommemoraw dan l-avveniment.

Maż-żmien din il-knisja qdiemet u waqqawha u bnew oħra flokha, u anki din reġgħet qdiemet u reġgħu waqqawha u wara, bnew il-knisja li hemm illum. Għalhekk din il-knisja hija it-tielet waħda li nbniet f’dan il-post. Dan juri biċ-ċar kemm dan il-post ilu żmien kbir jiġi meqjus bħala post qaddis. Biex ikompli jissaħħaħ dan l-argument li dan il-lokal kellu ċertu improtanza għall-antennati tagħna, taħt u ħdejn din il-knisja nstabu xi sejbiet arkeoloġiċi.

Fl-1372, is-sultan Federiku III, ta lil Giacomo de Peregrino il-fewdu ta’ *Beniarrat*, li hu kwalifikat bl-aġġettiv ‘*Venerando*’. Fil-lista ta’ benefizzji li saret fl-1436 fi żmien l-isqof Senatore De Mello, il-benefizzju jingħad li hu ta’ “*fondazzjone antica*”. Fit-testment fl-atti tan-nutar Luqa Sillato tat-28 ta’ Marzu tal-1448, tħalliet art għall-knisja ta’ San Pawl ta’ *Bindichi* li ġejja mill-lingwa Griega, u tfisser ħames’t idjar.

## Tagħrif minn żjarat ta' Isqfijiet

Meta żar lil din il-knisja monsinjur Pietro Dusina fl-1575, dak iż-żmien din kienet taqa' taħt il-parroċċa tal-Mellieħa. Hu jgħid li sab knisja ddedikata lil San Pawl tal-*Menchichir* fil-lokal *Tabeigirad*. Il-knisja kellha l-obbligu li l-festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl kellha tiġi mfakkra billi jingħata ikel lil fqar fil-knisja. Din ma kellix rettur, introjti, dħul u tiżjin ieħor biex isir il-quddies fiha. Il-viżitatur appostoliku ordna li ma jsirux ċelebrazzjonijiet ta' quddies qabel jerġa jsirilha bieb tal-injam u ħwejjeġ oħrajn meħtieġa.

Għalkemm kif diġà semmejna qabel minn dejjem kien hemm tradizzjoni li torbot il-post fejn insibu l-knisja llum mal-post fejn Pawlu fejjaq lill-missier Publiju, l-ewwel kitba ta' dan l-irbit insibuha fl-atti taż-żjara tal-isqof Gerolamo Molina, tat-28 ta' Mejju 1879 meta hu żar din il-knisja. Dan jgħidilna li skont it-tradizzjoni hawn iltaqgħu San Pawl u San Publiju u li s-sidien tal-għelieqi tal-qrib kellhom l-obbligu li jħallsu tnax-il skud lill-prokuratur biex jitqaddsu quddisiet fil-festi ta' San Pawl u fil-festi kmandati u l-Ħdud.

L-isqof Cagliares qal ukoll fir-rapport tiegħu li fil-festa ta' San Pawl kienu jitqassmu 36 modd qamħ, 36 kartoċċ inbid ta' Siracusa, 9 tari fi flus, u 200 ħjara lill-foqra. Fost dawk obbligati li jħallsu għal dan, kienu l-kavallieri ta' San Ġwann.

## Fatt storiku

Nhar l-ewwel ta' Frar tal-1799 fil-kappella ta' San Pawl Milqi saret laqgħa bejn Sir Alexander John Ball, il-Logutenent Kaptan John Vivion, il-Kaptan John Cresswell tal-Marines u l-mexxeja tal-Maltin. Is-suġġett prinċipali tal-laqgħa kien rigward xi Maltin li kienu ġew imxaħħma mill-Franċiżi sabiex wara li jitkeċċew mill-Belt Valletta, jinfiltraw fl-ibliet u l-irħula sabiex iqajmu moviment favur l-istess Franċiżi.

## Sejbiet arkeoloġiċi

Hekk kif bdiet toqrob l-ewwel gwerra dinjija tal-1914 – 1918, is-suldati Ingliżi tar-Royal Engineers bdew iħaffru trunċiera ħdejn din il-knisja biex

iqiegħdu kanun. Waqt it-tħaffir ta’ din it-trunċiera, inkixfu xi ħitan antiki mibnija b’ġebel kbir. Imma donnu ħadd ma tahom l-importanza li kien jistħoqilhom. B’xorti tajba l-Viġendarju ta' din il-knisja kien Dun Karm Gauci, li ħa ħsieb biex il-ħafna fuħħar u fdalijiet li bdew jinqalgħu mal-moħriet f’dawn l-inħawi, jinġabru u jintrefgħu.

Imbagħad fl-1964 ġiet f’Malta il-*Missione Archeologica Italiana* li għamlet tiftix kbir f’dawn l-akwati u f’*Tas-Silġ*. It-Taljani ħaffru madwar il-knisja u ġewwa fiha u kixfu kumpless ta’ bini li jikkonsisti f’villa tal-kampanja u magħha mpjant kbir għall-għasir taż-żebbuġ u l-għeneb, u xogħol ieħor tar-raba, kif ukoll imkejjen fejn joqgħodu l-ħaddiema. Kumpless kbir ħafna li sidu bilfors li kien għani ħafna. Huwa kkalkulat li dan il-kumpless inbena xi 40 sena qabel Kristu, u li kien għadu jintuża sas-sena 870 wara Kristu, meta l-Għarab ħadu f’idejhom lill-Malta. L-istudjużi jsostnu li din kienet il-villa ta’ Publius, u allura kien f’dan il-post fejn laqa' lil Pawlu u lil sħabu li kienu miegħu fuq il-ġifen li nkalja.

Waqt l-iskavi nstabu ukoll żewġ knejjes oħra eqdem minn din il-knisja tal-lum. It-tliet knejjes huma medjevali, u setgħu inbnew meta l-Knisja Kristjana reġgħet ġiet stabbilita f’Malta wara l-wasla tan-Normanni. Tant niżlu fil-fond l-iskavi li l-bieb tal-knisja illum huwa xi tliet metri ‘l fuq minn fejn kixfu.

Għalkemm saru dawn l-iskavi, b’danakollu xejn ma kien konkluż, u dejjem kien għad baqa xi jsir. Għalhekk fl-erbatax ta’ Lulju 2000, ingħata bidu biex ġemgħa ta’ arkeoloġi Taljani oħrajn jerġgħu jibdew jiskavaw. Dan ix-xogħol ta l-frott tiegħu għax komplew inkixfu aktar kmamar minn din il-Villa Rumana.

**Il-knisja**

Din il-kappella tal-lum hija knisja ħelwa ħafna, u x’aktarx li nbniet għall-ħabta tal-bidu tas-seklu sbatax, fil-qalba ta’ Villa Rumana, madwar il-ftuħ ta’ ġiebja, li maż-żmien rat ħafna tibdil.

Kellha altar wieħed tal-ġebel u fuq dan l-altar kien hemm kwadru li juri l-miraklu tal-lifa kif ukoll tliet episodji oħra mill-ħajja ta’ San Pawl - il-

Konverżjoni, il-laqgħa tiegħu ma' Publiju u il-Martirju tiegħu. L-altar illum inqala' minn postu biex ikunu jistgħu isiru l-iskavi taħt l-art tal-knisja, u minflok il-kwadru titulari infetħet tieqa biex tkun tista' tagħti iktar dawl lil dan it-tempju minn ġewwa. Il-kwadru, u kull ma kien fiha din il-kappella, ittieħdu kollha fil-Katidral tal-Imdina.

Din il-kappella għandha faċċata ħelwa ħafna, fejn għandha żewġ niċec vojta, waħda fuq kull naħa tal-faċċata. Fuq il-bieb prinċipali għandha tieqa tonda li qiegħda tkompli iżżejjen il-faċċata. Fuq il-faċċata hemm bħal kampnar fin-nofs, u kellha qanpiena żgħira mdendla fih. Fuq il-kampnar hemm salib tal-ġebel. Din il-knisja għandha wkoll sagristija mibnija magħha.

**Għeluq**

Minħabba s-sejbiet arkeoloġiċi li nstabu madwar u taħt din il-knisja, illum din u l-isakvi ta' madwara qed jieħdu ħsiebhom il-Heritage Malta u ġiet magħluqa għall-publiku ġenerali. L-aċċess għal din il-knisja ġie magħluq permezz ta’ ħajt għoli, li nbena mad-dawra kollha tal-kappella minħabba l-biża’ li jistgħu isiru xi atti vandali lill-iskavi li diġà nkixfu.

Il-kappella iżda saritilha art tal-injam u fl-10 ta’ Frar ta’ kull sena tinfetaħ għall-pubbliku u ssir quddiesa biex tikkommemora l-miġja ta’ Missierna San Pawl fil-ġżejjer tagħna.